# Ġabra tal-ġurisprudenza

**Digriet tal-Qorti Ġenerali (It-Tmien Awla) tal-21 ta' Marzu 2012 — Telefónica vs Il-Kummissjoni**

**(Kawża T-228/10)**

"Rikors għal annullament — Għajnuna mill-Istat — Skema ta' għajnuna li tippermetti l-ammortizzazzjoni tat-taxxa tal-avvjament finanzjarju fil-każ ta' akkwist ta' ishma barranin — Deċiżjoni li tiddikjara l-iskema ta' għajnuna inkompatibbli mas-suq komuni u li ma tordnax l-irkupru tal-għajnuna — Att li jinkludi miżuri ta' implementazzjoni — Nuqqas ta' interess individwali — Inammissibbiltà"

1. *Rikors għal annullament — Persuni fiżiċi jew ġuridiċi — Atti li jikkonċernawhom direttament u individwalment — Deċiżjoni tal-Kummissjoni li tipprojbixxi skema ta' għajnuna settorjali — Rikors ta' impriża li bbenefikat minn għajnuna individwali mogħtija abbażi ta' din l-iskema mingħajr ma hija milquta mill-obbligu ta' rkupru — Inammissibbiltà — Ksur tad-dritt għal protezzjoni ġudizzjarja effettiva — Assenza (ir-raba' paragrafu tal-Artikolu 263 TFUE) (ara l-punti 23, 24, 26, 38)*

2. *Rikors għal annullament — Persuni fiżiċi jew ġuridiċi — Atti li jikkonċernawhom direttament u individwalment — Deċiżjoni tal-Kummissjoni li tipprojbixxi skema ta' għajnuna settorjali — Interess individwali — Kriterji — Appartenenza fi grupp magħluq ta' persuni — Kwalità ta' parti fil-proċedura amministrattiva — Assenza ta' pożizzjoni ta' negozjatur stabbilita b'mod ċar — Inammissibbiltà (ir-raba' paragrafu tal-Artikolu 263 TFUE) (ara l-punti 28-31, 36, 37, 40)*

3. *Rikors għal annullament — Persuni fiżiċi jew ġuridiċi — Atti li jikkonċernawhom direttament u individwalment — Interess individwali — Evalwazzjoni fil-mument tal-preżentata tar-rikors (ir-raba' paragrafu tal-Artikolu 263 TFUE) (ara l-punt 35)*

4. *Rikors għal annullament — Persuni fiżiċi jew ġuridiċi — Atti li jikkonċernawhom direttament u individwalment — Att li jinkludi miżuri ta' implementazzjoni fuq livell nazzjonali — Ħtieġa li jintwera l-interess individwali (ir-raba' paragrafu tal-Artikolu 263 TFUE) (ara l-punti 42-45)*

**Suġġett**

Talba għall-annullament tal-Artikolu 1(1) tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2011/5/KE, tat-28 ta' Ottubru 2009, dwar l-amortizzazzjoni tat-taxxa tal-avvjament finanzjarju għal akkwiżizzjonijiet ta' ishma barranin C-45/07 (ex NN 51/07, ex CP 9/07) implementata minn Spanja (ĠU 2011, L 7, p. 48).

**Dispożittiv**

1) Ir-rikors huwa miċħud.

2) Telefónica SA hija kkundannata għall-ispejjeż.